MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 163/1998/1

Citazzjoni numru 163/98

Carmen mart Joseph Debrincat, Pawla mart Joseph Vella, John, Mary mart Felix Cefai ilkoll ahwa Vella u Rita mart John Cassar

vs

Carmelo u Pawlu u Angela konjugi Vella

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni attrici li taqra:

Illi John Vella gia iben Joseph u Josephine nee’ Cassar, miet fix-Xewkija, Ghawdex, fit-18 ta’ Frar 1962 u rregola s-successjoni tieghu b’testment unica charta flimkien ma’ martu Maria Vella fl-atti tan-Nutar Giuseppe Grech tad-9 ta’ April 1961 fejn wara li hallew b’titolu ta’ legat lil binthom

Giuseppa xebba Vella in-nofs indiviz tal-lok tad-djar li jinsab ix-Xewkija, Ghawdex, Triq l-Imgarr ix-Xini, markat bin-numri 1, 2 u 3; u b'titolu ta' legat lil uliedu Giusepp u Zakkarija bid-dritt tal-akkrexximent bejnithom id-drittijiet kollha antikretici fuq il-lok tad-djar b'mandretta kongunta mieghu ta' circa sighan fix-Xewkija, Ghawdex, Triq l-Gharus, numru 46, 47 u 48; b'titolu ta' legat iehor lill-attrici Rita mart Ganni Cassar il-lok tad-djar b'mandretta kongunta mieghu ta' circa seghan fix-Xewkija, Ghawdex, Triq Hamrija, numru 76; u b'titolu ta' legat ukoll lit-tliet uliedhom Carmelo, Michael u Rita Cassar is-somma ta' tliet mitt lira sterlina kull wiehed u wahda; innomina bhala eredi tieghu universali lis-sitt uliedu kollha u cioe' Giuseppa, xebba, Zakkarija, Michael, Joseph, Rita mart John Cassar (l-attrici) u Carmelo (il-konvenut) ahwa Vella fi kwoti ugwali bejniethom;

Illi Joseph Cassar, iben l-imsemmi John Vella u Mary nee' Cassar, miet fix-Xewkija, Ghawdex, fl-20 ta' Frar 1974, guvni, improle u intestat u ghalhekk skond il-ligi wirtuh fi kwoti ta' sesta parti kull wiehed u wahda, ommu Maria mart l-istess John Vella u l-hames hutu sopravissuti ghalih, Giuseppa xebba, Zakkarija, Michael, Rita mart John Cassar (l-attrici) u Carmelo (il-konvenut) ahwa Vella;
Illi Maria mart l-istess John Vella gia bint il-mejtin Felix Cassar u Evangelista nee' Grech, mietet ukoll fix-Xewkija, Ghawdex, fit-18 ta' Novembru 1975 illi ukoll irregolat is-successjoni bit-testment fuq citat, izda stante il-mewt qabilha ta' Joseph Vella, u ghalhekk wirtuha l-hames uliedha sopravissuti ghaliha u cioe Giuseppa xebba, Zakkarija, Michael, Joseph, Rita mart John Cassar (l-attrici) u Carmelo (il-konvenut) ahwa Vella fi kwoti ugwali bejniethom;

Illi Zakkarija Vella iben iehor ta' l-imsemmija John u Maria konjugi Vella miet fis-6 ta' April 1988, guvni u improle illi rregola s-successjoni tieghu b'testment fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tal-5 ta' Novembru 1976 fejn innomina eredi universali tieghu lil ohtu Giuseppa xebba Vella;

Illi Michael Vella, iben iehor ta' John u Maria konjugi Vella, miet fil-21 ta' April 1988, u lil dan wirtuh l-erbat uliedu,

cjoe Carmen mart Joseph Debrincat, Pawla mart Joseph Vella, John u Mary mart Felix Cefai, ilkoll ahwa Vella (l-atturi);

Illi l-imsemmija Giuseppa xebba Vella mietet fit-18 ta’ Frar 1989 u b’testment fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-28 ta’ April 1988, innominat bhala eredi universali taghha lin-neputi taghha Paul Vella u martu Angela Vella (tnejn mill-konvenuti);

Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta’ komunjoni flimkien mal-konvenuti tal-beni provenjenti lilhom mill-wirtijiet u successjonijiet hawn fuq imsemmija; fil-waqt li jridu wkoll illi ssir l-immissjoni fil-pussess tal-legati ordnati mill-konjugi Ganni u Maria Vella; mentri l-konvenuti qeghdin jirrifjutaw illi jersqu ghal tali divizjoni u immissjoni fil-pussess;

TALBU lill-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

1. tillikwida l-beni gia formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin John u Maria Vella billi tiddikjara illi jikkonsistu f’dawk il-beni u assi illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f’zewg porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi partikolari ta’ John Vella u lill-assi partikolari ta’ Maria Vella;

3. tillikwida l-beni partikolari ta’ John Vella billi tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq inghad u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. tordna l-immissjoni fil-pussess tad-diversi legati ordnati minn John Vella kif fuq indikat;

5. tiddividi l-kumplament ta’ dawn il-beni f’sitt (6) porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed u wahda minn uliedu; b’dan illi l-kwoti spettanti lil Zakkarija u Giuseppa Vella jigu minflok assenjati lill-konvenuti Paul u

Angela Vella; u l-kwota spettanti lil Michael Vella tigi minflok assenjata lill-erbat uliedu atturi fuq indikati;

6. tillikwida l-beni partikolari ta' Mary Vella billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq inghad u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

7. tordna l-immissjoni fil-pussess tad-diversi legati ordnati minn Maria Vella kif fuq indikat;

8. tiddividi l-kumplament ta' dawn il-beni f'hames porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed u wahda minn uliedha hlief il-predefunt Joseph Vella, b'dan illi l-kwoti spettanti lil Zakkarija u Giuseppa Vella jigu minflok assenjati lill-konvenuti Paul u Angela Vella; u l-kwota spettanti lil Michael Vella tigi minflok assenjata lill-erbat uliedu atturi fuq indikati;

9. tillikwida l-assi ereditarji ta' l-imsemmi Joseph Vella billi tiddikjara illi jikkonsistu f'nofs id-drittijiet antikretici fuq il-fond fi Triq l-Gharus, Xewkija imhollija b'titolu ta' prelegat minn missieru; sesta parti mill-assi ereditarji ta' missieru John Vella assenjata lilu kif fuq inghad; u dawk l-assi l-ohra illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

10. tiddividi dawn l-assi ereditarji f'hames porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed u wahda minn hutu fuq indikati, b'dan illi l-kwoti spettanti lil Zakkarija u Giuseppa Vella jigu minflok assenjati lill-konvenuti Paul u Angela Vella; u l-kwota spettanti lil Michael Vella tigi minflok assenjata lill-erbat uliedu atturi fuq indikati;

11. tahtar Nutar Pubbliku u tiffissa l-jum, hin u lok ghall-publikazzjoni tal-opportun att ta' immissjoni fil-pussess u ta' divizjoni tal-assi ereditarji hekk rizultanti; bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

12. fin-nuqqas, f'kaz illi jirrizulta illi l-beni mhux komodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-

licitazzjoni ta' l-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq inghad.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni annessa u guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Carmelo Vella u tal-konjugi Pawlu u Angela Vella li eccepew:

1. illi huma ma jopponux ghat-talbiet attrici ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-ereditajiet tal-konjugi John u Maria Vella u ta' binhom Giusepp Vella;

2. illi ghal dak li jirrigwarda l-ereditajiet tal-konjugi Vella l-fond 1,2,3 Triq Mgarr ix-Xini, Xewkija, ma ghandux jifforma parti mill-assi ta' l-imsemmija konjugi u illum jappartjenti fl-interezza tieghu lill-konjugi Pawlu u Angela Vella kif jigi spjegat fil-kors tal-kawza u ghalhekk ma ghandux jigi stmat;

3. illi ghal dak li jirrigwarda l-fond 46, 47 u 48 Triq Gharus, Xewkija, ghalkemm fit-testment taghhom unica charta l-konjugi John u Maria Vella jghidu li huma kellhom biss l-antikresi ta' dan il-fond u hallew d-drittijiet antikretici taghhom liz-zewg uliedhom Giusepp u Zakkarija Vella, fil-fatt dan il-fond skond il-kuntratti kien proprjeta' tal-konjugi Vella waqt li uliedhom Giusepp u Zakkarija kienu l-kredituri antikretici tieghu. Dan pero' sar proprjeta' taz-zewg ahwa Vella meta huma rregistrawh bhala bejgh b'nota ta' insinwa nru.622/81 prezentata fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex fid-19 ta' Gunju 1981.

Rat id-dikjarazzjoni annessa u guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat ir-relazzjoni (folio 59) tal-perit tekniku nominat l-Arkitett Joseph P. Dimech;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi t-talbiet attrici huma impernjati fuq tliet likwidazzjonijiet ta’ wirt u cioe’ l-likwidazzjoni tal-wirt ta’ John Vella, il-likwidazzjoni tal-wirt ta’ martu Mary xebba Cassar u l-likwidazzjoni tal-wirt ta’ binhom Joseph li miet improli, guvni, u bla testment. Mill-atti processwali jirrizulta li l-ewwel ma miet kien John fit-18 ta’ Frar 1962, segwit minn Joseph fl-20 ta’ Frar 1974, imbaghad Maria fit-18 ta’ Novembru 1975.

Illi ghandu jirrizulta li sa dan l-istadju, jigifieri mal-mewt ta’ l-omm, l-posizzjoni tal-wirt rispettiv kienet kif ser jinghad: li l-wirt tal-konjugi l-imsemmija John u Maria Vella gie regolat b’testment unica charta tad-9 ta’ April 1961 atti Nutar Giuseppe Grech (dok.C fol.8). Rigward l-istess l-konjugi Vella istitwew diversi prelegati izda nnominaw lis-sitt uliedhom kollha qua eredi taghhom universali fi kwoti indaqs. Meta miet binhom Joseph, li kif accennat miet qabel l-omm izda wara missieru, improli, guvni u bla testment, wirtuh fi kwoti ugwali l-hames ahwa u ommu. Sussegwetement u meta mietet l-omm wirtuha l-hames ahwa superstiti. Konsegwentement mal-mewt tal-omm il-hames ahwa superstiti li allura kienu Zakkarija, Michael, Rita mart John Cassar, Giuseppa u Carmelo kellhom kwota ugwali ta’ tlettax minn sittin (13/60) parti indivizi mill-wirt provenjenti lilhom minn missierhom, huhom u ommhom.

Illi d-dokumenti in atti jisvelaw l-eventi successivi li jwaslu ghal sehem u l-kwota detenuta mill-kontendenti rispettivi mill-wirtijiet fuq imsenmija. Dawn juru: (a) li Zakkarija miet fis-6 ta’ April 1988 u in forza ta’ testment tal-5 ta’ Novembru 1976 atti Nutar G.Cauchi – dok.K. fol.15 - istitwixxa lil ohtu Giuseppa bhala l-unika eredi tieghu; (b) li warajh miet Michael fil-21 ta’ April 1988 u wirtuh uliedu Carmen mart Joseph Debrincat, Paola mart Joseph Vella, John u Mary mart Felix Cefai – li huma fost l-atturi; (c) li Giuseppa mietet fit-18 ta’ Frar 1989 b’testment atti Nutar

P.G Pisani tat-28 ta’ April 1988 – dok.I fol.19 – u wirtuha Paul u Angela konjugi Vella. Il-beneficjari tal-imsemmija wirtijiet huma ghalhekk komposti mill-atturi l-imsemmija Carmen Debrincat, Paola Vella, John u Mary Cefai ahwa Vella (kwantu ghal-cip wiehed), Rita mart John Cassar, wahda mill-ahwa originali superstiti (kwntu ghal cip iehor), u mill-konvenuti, Paul u Angela konjugi Vella (kwantu ghal cip iehor) u Carmelo, wiehed mill-ahwa originali superstiti (kwantu ghall-ahhar cip).

Illi, pero’, ghall-fini ta’ din id-divizjoni jkun ezercizzju inutili u sprekk ta’ zmien li l-Qorti ssegwi l-kronologija tat-talbiet fic-citazzjoni stante illi jirrisulta li l-assi li jridu jigu divizi sakemm jikkonsistu f’dawk il-beni li huma immobbli huma dawk vizjonati u stmati mill-perit arkitett nominat u liema beni jikkonsistu:

1. f’dar u zewg remissi numri 47, 49 u 51 Triq l-Gharus, Xewkija;

2. f’bicca raba maghrufa “is-Sinet Apap” limiti tal-Gharb tal-kejl ta’ circa tmint itmien u hames kejliet (8T.5K);

3. f’bicca raba maghrufa “ta’ Cordina” limiti ta’ Ghajnsielem ta’ circa hames sighan (5S);

4. f’bicca raba maghrufa “ta’ Kusa” limiti Xewkija ta’ circa tomna (1T);

5. f’bicca raba maghrufa “ta’ Lambert” limiti Xewkija formata minn erba porzjonijiet raba tal-kejl komplessiv ta’ tomna hames sighan u tliet kejliet (1T.5.3S).

Illi dan qieghed jinghad mhux biss fir-rigward l-immobbli ezistenti fil-wirt tal-genituri, konjugi Vella, izda wkoll ghall-immobbli kollu ezistenti fil-wirt ta’ Joseph Vella senjatament billi dan il-wirt kien jikkonsisti f’sehem indiviz, senjatament ta’ wiehed minn tnax (1/12) tal-immobbli fuq imsemmija (li kien wiret minghand missieru). Fil-wirt ta’ l-imsemmi Giuseppi kien hemm wkoll xi depositi l-bank u krediti (beni esklussivi tieghu) li fir-rigward taghhom (jigifieri d-depositi u l-krediti) m’ghandux ikun hemm

diffikulta’ biex jinqasmu bejn minn mill-kontendenti hu intitolat skond il-kwota rispettiva risultanti; u hawnhekk il-Qorti ma taqbilx mal-osservazzjoni maghmula fl-ahhar paragrafu tan-nota spjegattiva tal-konvenuti (ara folio 97) fejn jintqal li “din il-kawza ma tistax tithalla ghas-sentenza qabel ma ssir il-likwidazzjoni sewwa tal-eredita’ ta’ Giusepp Vella” u dan billi l-kwoti tal-immobbli in divizjoni huwa ben stabbilit waqt li r-rimanenti beni mill-wirt ta’ Giusepp Vella, konsistenti f’depositi u krediti (kif jirrizulta skond l-atti u qatt ikkontestat) ikun percepibbli in relazzjoni tal-kwoti rizultanti li huma wkoll ben stabbiliti kif ser jigi spjegat aktar l-isfel.

Ukoll ghall-kompletezza ghandu jinghad li l-prelegatarji gew debitament imessi fil-pussess tal-legati taghhom u ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar dan b’daqstant li huwa  rikonoxxut li fir-rigward il-fond numru 1, 2 u 3 Triq l-Imgarr ix-Xini, Xewkija, gja imholli prelegat kwantu in-nofs indiv lill-Giuseppa, dan illum hu proprjeta’ esklussiva tal-konvenuti l-konjugi Paul u Angela Vella; mentri l-lok tad-djar b’mandretta numru 76, Triq Hamrija, Xewkija, gia imholli bi prelegat lil Rita mart John Cassar hemm wkoll ir-rikonoxximent li dan huwa taghha, skond kif jinghad u qatt inkontestat, fil-kuntratt atti Nutar Michael Refalo tat-12 ta’ Frar 1987. Imbaghad u fir-rigward il-fond 46, 47 u 48 Triq Gharus, Xewkija, gja soggett ghall-antikresi u liema drittijiet antikretici gew prelegatati lill-ahwa Zakkarija u Giusepp, korrettement jghidu l-konvenuti (kemm fin-nota tal-eccezzjonijiet u kemm fin-nota spjegattiva taghhom) li l-fond sar proprjeta’ ta’ l-imsemmija zewgt ahwa Vella (nofs indiv kull wiehed) meta saret d-debita registrazzjoni bhala bejgh ai termini tal-Artikolu 2091 tal-Kodici Civili (Dok.F.Fol 112) b’dan li illum dan il-fond jappartjeni kwantu ghall-erbgha minn hames parti (4/5) indivizi lill-konjugi Pawlu u Angela Vella (konvenuti) u kwantu ghal decima parti (1/10) indivizi kull wiehed lil Rita mart Gianni Cassar u l-eredi ta’ Michael Vella ossija l-imsemmija Carmen Debrincat, Paola Vella, John u Mary Cefai (atturi).

Illi dwar ir-raba fuq imsemmija l-partijiet iddikjaraw li ma hemmx kontestazzjoni dwar kif ghandu jinqasam bejniethom u f'dan is-sens iddikjaraw li huma kuntenti u sodisfatti bil-pjan ta' divizjoni ta' din ir-raba, komprendenti r-raba kollha in divizjoni, skond il-pjan redatt mill-perit arkitett nominat kif imfisser u spjegat taht l-intestatura "Qasma tal-Fondi Rurali" a pagna 67 et seq tar-relazzjoni tieghu. Ghalhekk, u billi l-partijiet huma sodisfatti kemm f'dak li ghandu x'jaqsam mal-kwoti lilhom spettanti u l-qsim individwali tar-raba, l-Qorti ser tadotta fl-intier l-pjan imfassal mill-perit arkitett.

Illi l-istess haga ma tistax tinghad fil-konfront tad-dar u z-zewg remissi numri 47, 49 u 51 Triq l-Gharus, Xewkija, dwar liema l-perit arkitett nominat ippropona zewg pjani ta' divizjoni kif imfissra a folio 63 u 65. Dan jinghad ghaliex fil-waqt li l-atturi ddikjaraw il-preferenza ghall-qasma proposta fil-pjan 'B", il-konvenuti iddikjaraw il-preferenza ghall-pjan "A" u in subsidium ivventilaw l-licitazzjoni tal-fond. Il-Qorti pero' ser tiskarta minnufih l-licitazzjoni principalment ghaliex il-principju preponderanti f'divizjonijiet huwa li l-konsorti ghandhom jippartecipaw fid-divizjoni tal-beni 'in natura' fejn dan hu possibbli u f'dan il-kaz m'hemmx dubbju li l-fond huwa succettibli li jigi diviz minghajr xkiel bl-addozjoni tal-ekwiparazzjoni minhabba d-differenza fid-daqs tal-ishma 'in natura' li hu permissibbli fil-ligi (Artikolu 505 tal-Kodici Civili).  Jigi wkoll notat li iz-zewg pjani proposti mill-perit arkitett jirrispekkjaw dak li jipprovdi l-Artikolu 504 tal-Kodici Civili fis-sens illi "meta wiehed jigi biex jifforma u jqassam l-ishma, ghandu jevita li jifred il-fond fi bcejjec jew li johloq servitujiet; u ghandu ifittex li jdahhal f'kull sehem l-istess kwantita' ta' hwejjeg mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti ta' l-istess xorta u ta' l-istess valur".  Huwa fil-fatt appena sufficjenti li jigi rilevat li l-fond per se huwa maqtugh miz-zewg garaxijiet u anke mill-art kontigwa b'dan illi kunsiderat kollox,  kompriz l-qies tal-garaxijiet u ghalhekk l-uzu li jista' jsir minnhom u l-fatt li s-sehem spettanti lil lull konsorti ghandu kemm jista jkun jirrispekkja mhux biss sehmu izda wkoll it-tgawdija l-aktar wiesgha tal-haga lilu assenjata, il-Qorti ser tadotta l-pjan "A" bhala dak l-aktar gust.

Illi jibqa' biex tigi trattata l-likwidazzjoni tal-wirt ta' Giuseppi sakemm tali likwidazzjoni tikkoncerna depositi, debiti u krediti u okkorrendo xi mobbli ohra stante li fir-rigward l-immobbli minnu gja posseduti d-divizjoni giet regolata aktar il-fuq. Il-konsistenza ta' dawn l-assi tirrizulta kemm mid-denunzja (fol 21 et seq) u n-nota spjegattiva tal-konvenuti (folio 94 et seq). F'din in-nota jintqal li:

- id-debiti u krediti ta' Giusepp Vella rizultanti minn negozju li kellu tal-bejjem ma' huh Zakkarija [jikkonsistu]:

i. nofs dawn id-debiti
favur l-attrici, Rita u zewgha Ganni Cassar ……….Lm 6000
favur il-konvenut Carmelo Vella ……………….. Lm 5397

ii. kreditu:
dovut minn certu Giusepp Vella (is-Sufu) li….
jinsab kawtelat b'kuntratt ta' Antikresi tat-30
30 ta' Marzu 1974 atti Nutar Antonio Carbonaro
fuq diversi renti …………………………………Lm17049

iii. passiv
denunzja u spejjez tal-funeral ta' Giusepp Vella li
gew mhalsa minn huh Zakkarija risultanti fis-somma
ta' ……………………………………………..Lm 69.20

Illi ghandu jirrizulta li l-wirt ta' l-imsemmi Giuseppe ghadda favur l-hames hutu u ommu li ghalhekk wirtuh fis-sehem ta' sest (1/6) kull wiehed b'daqstant li meta mietet l-omm u l-wirt taghha ddevolva favur il-hames uliedha superstiti huma wirtu wkoll s-sehem ta' sest (1/6) li hi kienet wirtet minn binha Giuseppe jgifieri s-sehem ta' kull wiehed u wahda minnhom kien ta' 1/6 + 1/5 ta'1/6 jigifieri 1/5 kull wiehed u wahda. Isegwi ghalhekk li dak kollu li kien jippossjedi l-mejjet Giuseppe fid-data tal-mewt tieghu ghandu jigi percepit mill-kondividenti fil-kwota li ser tinghad:

i. kwint (1/5) minn Rita mart John Cassar;
ii. kwint (1/5) iehor minn Carmelo Vella;
iii. kwint (1/5) bejn ulied Michael Vella i.e Carmen Debrincat, Paola Vella, John u Mary Cefai;
iv. zewg kwinti (2/5) minn Paul u Angela konjugi Vella;
Naturalment il-passiv jithallas fl-istess kwota.

Illi ghal kull bon fini jirrizulta li l-obbligi imposti mill-Artikolu 68 tal-Kap 364 gew rispettati.

Ghalhekk u skond kif fuq premess tiddeciedi l-kawza billi:

1. tiddikjara l-beni immobbli in divizjoni ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri gja appartenenti lill-wirt tal-konjugi John u Maria Vella u Giuseppe Vella li kienu jikkonsistu f'dawk il-beni immobbli fuq deskritti;

2. tordna l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-istess beni immobbli skond il-pjan redatt mill-perit arkitett nominat a bazi tar-relazzjoni tieghu u fil-kwoti rispettivi hemm indikati favur kull kondividenti, fejn il-kaz, b'dan li fil-konfront tad-divizjoni tal-fond numru 47,49 u 51 Triq l-Gharus, Xewkija ghandu jigi addottat il-pjan ta' qasma "A";

3. tordna illi l-assi mobbli tal-mejjet Giuseppe Vella jigu divizi fil-kwota rispettiva kif fuq intqal.

4. tinnomina bhala Nutar Pubbliku ghall-publikazzjoni tal-opportun att lin-Nutar Kristen Dimech u lill-Avukat Joseph Grech sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

L-ispejjes tal-kawza jithalsu mill-kondividenti kollha ghab-bazi tas-sehem taghhom mir-rispettivi wirt.

-------------------------------TMIEM-------------------------------